# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-hamsa u sebghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 5 ta'April 2010 fil-5:30 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

***Qabel bdiet il-laqgha l-Agent S.E. informa li l-Kunsillier M. Mifsud kien infurmah permezz ta' ittra (mehmuza mal-minuti) li huwa ma setax jattendi l-laqgha minhabba li kien ser ikun ghadu xoghol. Fic-cirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raguni bhala valida u ghalhekk gie dikjarat bhala skuzat ghal-laqgha tal-lejla.***

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fil-5.35 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 74**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Torri tas-Semaforu****:* L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew sabiex jinhareg il-*Compliance Certificate*.

**3.2** ***Para 3.2 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart****:* L-Agent S.E. informa li s-servizz mill-kuntrattur il-gdid kien beda skond il-kuntratt fl-1 ta' April 2010. Il-Kunsill insista li jkun zgurat li s-servizz ma jibdiex qabel it-8.00am, jingabar l-iskart mit-toroq kollha kif ukoll li l-kolletturi jilbsu l-*high visibility jacket.*

**3.3** ***Para 3.3 – Devoluzzjoni Xelter:*** Is-S.E. informa li konna ghadna qed nistennew minghand il-Perit tal-Kunsill il-kopji tal-pjanti fuq l-ECAD. Peress li issa ghadda ftit zmien mhux hazin l-Agent S.E. intalab isegwi mill-qrib il-pjanti.

**3.4** ***Para 3.4 – Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar*****:** Is-Sindku informa li waqt cerimonja li saret dan l-ahhar, il-Kunsill inghata € 500 mill-€ 1,000 li gew approvati bil-bilanc jinghata malli d-Dipt. ghall-Gvern Lokali jircievi kopja ta' l-ircevuta fiskali.

**3.5** ***Para 3.5 – Zjara tal-Papa :*** L-Agent S.E. informa li l-istima ghall-*banner* kienet zdiedet ghal € 295 wara li l-Kunsill kien talab li dan jitkabbar. Din giet approvata unanimament. Il-Kunsillieri A. Muscat u P. Fenech ser jiehdu hsieb it-twahhil ta l-arblu u jsegwu lill-Kumitat Festa. Is-Sindku nforma li aktar tard illum kienet ser issir laqgha mal-Kappillan dwar l-organizzazzjoni tal-attivita li ser issir is-Sibt 17 ta' April fi Triq ix-Xwieki. Il-Kunsill unanimament qabel li jipprovdi t-trasport mill-Pjazza ghal Triq ix-Xwieki minghajr hlas kif ukoll li jikri 100 siggu sabiex jitpoggew fi Triq ix-Xwieki.

**3.6** ***Para 3.7 – Haddiema mal-Kunsill*****:** L-Agent S.E. informa li l-haddiem taht l-iskema ta' l-ETC kien gie nfurmat sabiex ma jirrapurtax aktar ghax-xoghol fil-lokalita' taghna. Filwaqt li regghet saret enfazi sabiex issir iktar sorveljanza fuq il-haddiema li qeghdin jahdmu fil-lokalita', gie deciz li l-Kunsill ghandu jkompli jsegwi mill-qrib il-korrispondenza li diga nghatet sabiex il-Kunsill jinghata haddiem iehor taht l-iskema IPSL kif ukoll haddiem iehor minflok dak li kellna taht l-iskema ta' l-ETC.

**3.7** ***Para 3.8 – Gemellagg Giarratana*****: –** L-Agent S.E. informa li ghada t-Tlieta kien ser jiltaqa mal-Vici Sindku dwar dan is-suggett.

**3.8** ***Para 3.9 – Rapport SEAP:*** L-Agent S.E. informa li kien ghadu qed jistenna l-*Performance Bond* pero l-Ing. Busuttil diga beda xi xoghol relatat mas-SEAP.

**3.9** ***Para 3.14 – Ftehim Green MT:*** L-Agent S.E. informa li kien jonqos li jsir l-iffirmar ufficcjali ghalkemm il-ftehim dahal fis-sehh fil-15 ta' Marzu 2010. Il-Kunsill talab lill-Agent S.E. jizgura li l-ftehim ma Green MT ikun jinkludi dak kollu li gie miftehem fil-laqghat li sar, l-obbligi kollha li ghandu l-Kunsill mal-Wasteserv rigward il-gbir ta skart separat kif ukoll ikun joffri l-flessibilta'dwar il-gbir ta' l-iskart u l-*Bring in Sites.*

**3.10** ***Para 5.2 – Tabella Triq Ferdinand*****:** L-Agent S.E. informa li t-tabella kienet ghadha trid tigi ordnata u gie approvat li l-oghli massimu ghandu jkun ta' 3.5m.

**3.11** ***Para 5.3 – Bank fi Triq il-Mithna:*** Is-Sindku spjega li wara li l-Agent S.E. kien informa lil min kien talab il-bank bil-post fejn il-Kunsill kien approva li dan jehel kien ircieva oggezzjoni minghand l-istess persuna filwaqt li l-istess persuna kienet talbet resident iehor sabiex jintervjeni ghaliha mal-Kunsill. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li l-Kunsill jibqa jzomm il-posizzjoni li ha fl-ahhar laqgha peress li l-post fejn iddecieda l-Kunsill joffri aktar sigurta'ghal min ikun bilqeghda fuq il-bank.

**3.12** ***Para 5.4 – Yellow Grid – Birguma Bypass :*** L-Agent S.E. informa li kienet saret talba lil TM.

**3.13** ***Para 5.5 – Kanal – Triq ix-Xwieki :*** L-Agent S.E. informa li kienet inharget *Works Order* lid-Dipt. tad-Distretti.

**3.14** ***Para 5.9 – Ilma fi Triq il-Gdida :*** L-Agent S.E. informa li l-kuntrattur (Bitmac Ltd.) kien ghamel ix-xoghol sabiex ma jibqax joqghod ilma f'din it-triq.

**3.15** ***Para 5.10 – Zvilupp fi Triq Katerina Sammut :*** L-Agent S.E. informa li kien ghadu jrid ikellem lil MEPA dwar dan il-kaz.

**3.16** ***Para 8.8 – PPP Resurfacing Tender :*** L-Agent S.E. informa li l-Kunsill kien ghamel it-talba tieghu kif approvat fl-ahhar laqgha.

**3.17** ***Para 8.9 – Photovoltaic Tender :*** Peress li sa issa l-Kunsill kien ghadu ma rciviex dettalji dwar dan it-tender, l-Agent S.E. intalab sabiex jikseb dawn id-dettalji.

**3.18** ***Para 8.11 – Kampanja tal-Libreriji :*** Il-Kunsillier P. Fenech informa li huwa kien attenda ghal din ic-cerimonja.

**3.19** ***Para 8.12 – Azzjonijiet kontra l-WSC :*** L-Agent S.E. informa li l-AKLM kienet infurmatna li l-azzjonijiet imhabbra minnha kontra l-WSC kienu gew irtirati wara li kien intlahaq ftehim.

**3.20** ***Para 8.17 – Maintenance Agreement Lift :*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna ridu ngibu stimi preliminari ghas-servizz ta manutenzjoni u certifikazzjoni perjodika tal-*lift* kif approvat fl-ahhar laqgha.

**3.21** ***Para 9.5 – Locality Sign – Triq San Gwann :*** L-Agent S.E. informa li ghalkemm konna ergajna kellimna lill-kuntrattur, it-tabella kienet ghadha ma ngabritx mill-ufficcju taghna sabiex tigi aggornata u finalment tehel.

**3.22** ***Para 9.6 – Postage Paid Envelopes :*** L-Agent S.E. informa li kien gie nfurmat mill-Maltapost p.l.c. li huma ma ghandhomx servizz ta' *Postage Paid* fuq *envelopes* diga ipprintjati.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament. Gie unanimament approvat ukoll li jsir il-hlas dovut lil Victor Attard ghal bukkett fjuri, lill-AKLM ghall-akkomodazzjoni ghas-Sindku gewwa Brussel inkonnessjoni ma' l-iffirmar tal-Patt tas-Sindki kif ukoll l-hlas lill-Kunsillier A. Muscat ghal affarijiet li hu xtara f'isem il-Kunsill.

**4.2** Gie approvat il-hlas li sar mill-*Petty Cash* matul ix-xhur ta' Frar u Marzu 2010 hekk kif kienu nbghatu lill-Kunsillieri mal-Minuti.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**5.1** Ma kienx hemm ilmenti x'jigu diskussi waqt din il-laqgha.

**8** **Korrispondenza**

**8.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.2** Korrispondenza minghand il-MEPA tinfurmana li l-izvilupp li sar dan l-ahhar fi Sqaq Warda kien kopert bil-permess wara li kienet saret esproprjazzjoni ta l-art mill-Gvern.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.3** Memo 46/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar MEUSAC - Ghajnuna fil-Mili tal-Applikazzjonijiet ghal Progetti taht il-Programmi ta' Fondi tal-UE.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.4** Memo 47/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Numru 15985.

Din il-korrispondenza giet innotata

**8.5** Memo 48/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Numru15986 u 15987.

Din il-korrispondenza giet innotata

**8.6** Memo 49/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Mistoqsija Parlamentari Numru 15988.

Din il-korrispondenza giet innotata

**8.7** Memo 50/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Manutenzjoni jew Kisi mill-Gdid ta' Toroq ghas-Sena 2010.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.8** Memo 51/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar *WIFI Access Points*.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill japplika sabiex dan is-servizz jibda jigi pprovdut fi Gnien il-Paci.

**8.9** Memo 52/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Skema Ta' Ghajnuna Finanzjarja Ghal Korsijiet *Lifelong Learning*.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill japplika sabiex jigu organizzati korsijiet dwar *Internet / Email / Computer Awareness* u Ganutell.

**8.10** Korrispondenza minghand resident dwar l-installazzjoni ta' bank fi Triq il-

Mithna.

Din il-korrispondenza giet innotata. ***[Ara wkoll Item 3.11]***

**8.11** Korrispondenza minghand l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Zammit dwar l-importanza ta' laqghat regolari bejn il-Kunsilli u ufficcjali mill-Korp.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li tinzamm laqgha mas-Sur Zammit.

**8.12** Korrispondenza minghand in-*Northern Cleaners Group* fejn il-Kunsill intalab sabiex jipprovdi l-punti li nghataw mill-Kunsill Lokali ghall-offerta taghhom ghall-gbir tal-iskart.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Agent S.E. intalab sabiex jibghat l-informazzjoni mitluba.

**8.13** Korrispondenza minghand it-TM dwar Seminar li ser jinzamm nhar il-Hamis 15 ta' April.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Agent S.E. informa li huwa kien ser jattendi.

**8.14** Korrispondenza minghand Galea Curmi Engineering Consultants dwar il-hruq ta' *isolator* li kkawza danni ma faccata ta' residenza fi Triq Caravaggio.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li nkomplu nsegwu aktar zviluppi. L-Agent S.E. informa lill-Kunsill li hu kien avza lir-residenti sabiex iressaq it-talba tieghu bil-miktub lill-Kunsill.

**8.15** Korrispondenza minghand l-MITC tikkonferma li s-servizz tal-karozza tal-linja ghall-iSptar Mater Dei ser jibqa jitlaq direttament mir-rahal meta jibda s-servizz mill-operaturi l-godda u mhux kif gie rrappurtat f'gurnal lokali dan l-ahhar.

Din il-korrispondenza giet innotata b'sodisfazzjon.

**8.16** Korrispondenza tinfurmana lis-Sur Alfred Debono kien rebah il-premju Haddiem tas-Sena fil-Korporazzjoni Enemalta.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li nibghtu nifirhu lis-Sur Debono.

**8.18** Korrispondenza minghand l-iSkola Marija Regina fejn gejna mitluba sabiex naghmlu donazzjoni ta' ktieb fl-okkazjoni ta' Jum il-Premjazzjoni.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill joffri ktieb kif mitlub.

**8.19** Korrispondenza minghand l-Iskola Primarja ta Hal Gharghur fejn saret talba ghal ghajnuna fix-xiri ta' apparat sportiv ghall-iskola.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill joffri s-

somma ta € 100 sabiex jghin fix-xiri ta' appart sportiv. Dan l-ammont jithallas wara li l-iskola tipprovdi l-ircevuta fiskali.

**8.20** Korrispondenza minghand id-TM tinfurmana li talba li kien ghamel resident sabiex ikollu *Reserved* quddiem ir-residenza tieghu fi Triq Caravaggio ma kienitx giet milqugha.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.21** Korrispondenza minghand l-AKLM tinfurmana li kien intlahaq ftehim mal-WSC sabiex din ta' l-ahhar thallas lill-Kunsilli tax-xoghlijiet li saru fit-toroq fuq perjodu ta' 3 snin.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**8.22** Stima minghand Gauci Borda Ltd. tinfurmana li l-4 bnadar ghall-iscouts tar-rahal kienu jammontaw ghal €157.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li l-Kunsill jordna dawn il-bnadar.

## 9 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**9.1** Gie unanimament deciz li jsir *embellishment* tal-Monument li l-Kunsill ghandu f'Misrah il-Knisja billi jsir pavimentar gdid, zebgha ta' l-arblu tal-bandiera, manutenzjoni fuq l-irham, tibjid u xiri ta pots bi xtieli godda.

**9.2** Is-Sindku nforma li ghada t-Tlieta kienet ser issir l-ewwel laqgha tal-Kumitat tar-Regjun Tramuntana. Hu ser jattendi.

**9.3** Is-Sindku nforma li fit-22 ta' April 2010 kienet ser issir quddiesa fl-okkazjoni ta' l-400 sena minn meta r-rahal sar Parrocca separata. Il-Kunsill kollu hu mistieden sabiex jattendi. Peress li parti minn din l-attivita' ser tkun purcissjoni fit-toroq tar-rahal l-Agent S.E. intalab sabiex jiehu hsieb li johorgu l-permessi kollha mehtiega u jsir koordinament mal-Pulizija.

Is-Sindku qal ukoll li l-Hadd 25 t'April 2010 ser issir Akkademja mis-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew fil-Knisja Parrokkjali u l-Kunsill kollu hu mistieden sabiex jattendi.

**9.4** Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-offerti li kien ircieva ghax-xiri ta' bankijiet u fanali u gie unanimament deciz li dawn jigu ikkunsidrati aktar fid-dettal mill-Kunsillieri individwali halli f'laqgha ohra tittiehed decizjoni finali. Dwar l-offerta ghall-izvilupp ta *website* ghall-Kunsill Lokali l-Vici Sindku u l-Agent S.E. intalbu sabiex fil-laqgha li jmiss huma jipprezentaw ir-rakkomandazzjonijiet taghhom. Rigward l-offerta' ghal xoghol ta *refurbishment* fil-latrini pubblici l-Kunsillier M. Mifsud u l-Agent S.E. intalbu sabiex fil-laqgha li jmiss huma jipprezentaw ir-rakkomandazzjonijiet taghhom.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**9.5** Il-Kunsillier P. Fenech informa li flimkien mas-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew kienu ser jorganizza l-attivita' tal-Huggiega ta' San Gwann. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**10 Aggornament**

**10.1** Il-laqgha giet aggornata fis-7:25 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tlieta 20 ta' April 2010 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **20 ta' April 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |